

32005D0768

4.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 290/27

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Ottubru 2005****li temenda d-Deċiżjoni 2001/618/KE biex tinkludi d-dipartiment ta' Ain fi Franza, fil-lista ta' reġjuni li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky***(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4178)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/768/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-annimali bovini u tal-ħnieżer ⁽¹⁾, u b' mod partikolari 10(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky meħtieġa fil-kummerċ intra Komunitarju tal-majjali u l-listi ta' territorji fl-Istati Membri fejn programmi ta' eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky qegħdin fis-seħħ u li huma ħielsa mill-marda huma stipolati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE tat-23 ta' Lulju 2001 dwar garanziji addizzjonali fil-kummerċ intra Komunitarju tal-ħnieżer fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky, kriterji biex jipprovdu informazzjoni dwar il-marda u li jirrevokaw id-deċiżjonijiet 93/24/KEE u 93/244/KEE ⁽²⁾.
- (2) Programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky kien ġie implimentat fi Franza għal bosta snin u d-dipartiment ta' Ain huwa elenkat bħala reġjun fejn programm approvat għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky jinsab fis-seħħ.
- (3) Franza ressqet dokumentazzjoni ta' appoġġ lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-istat ħieles mill-marda ta'

Aujeszky tad-dipartiment ta' Ain fejn turi li l-marda ġiet eradikata minn dak id-dipartiment.

- (4) Id-Deċiżjoni 2001/618/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I u II għad-Deċiżjoni 2001/618/KE jinbidlu bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1/2005 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 215, 9.8.2001, p. 48. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2004/320/KE (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 75).

ANNEX

ANNEX I

Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn il-vaċċinazzjoni hija pprojbata

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
AT	L-Awstrija	It-territorju kollu
CY	Ċipru	It-territorju kollu
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
DE	Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
DK	Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
FI	Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
FR	Franza	Dipartimenti ta' Ain, Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Moselle, Nièvre, Oise, Orne, Paris, Pas de Calais, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines
LU	Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha
SE	L-Iżvezja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha ta' l-Ingilterra, l-Iskozja u l-Galles

ANNEX II

Stati Membri jew reġjuni tagħhom fejn programmi approvati għall-kontroll tal-marda ta' Aujeszkyjinsabu fis-seħħ

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
BE	Il-Belġju	It-territorju kollu
FR	Franza	Id-dipartimenti ta' Côtes-d'Armor, Finistère, Ille-et-Vilaine, Morbihan u Nord
IT	L-Italja	Il-provinċja ta' Bolzano
NL	L-Olanda	It-territorju kollu